**24 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Felice Bugeja

*versus*

Giulio Callus et.

**Lokazzjoni — Dritt ta' Preferenza — Art. 1683 Kap. 23.**

*Id-dritt ta' preferenza li l-liġi tagħti lill-kerrej ta' fond sovrappost ifl-lokazzjoni tal-fond sottopost jippresupponi lokazzjoni li tkun sejra ssir jew li tkun saret ma' ħadd ieħor. Għaldaqstant, min jinvoka dan id-dritt jeħtieġlu jipprova din l-lokazzjoni.*

*Jekk ma jippruvax li kien hemm, jew li kienet sejra ssir, lokazzjoni ma' ħadd ieħor, l-azzjoni tiegħu biex jiġu lilu notifikati l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni ġdida minnu pretiża, sabiex ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu ta' preferenza, ma tirnexxix.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu jiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni l-fond numru 32 Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, proprjetà tal-konvenuti, liema fond jinsab sovrappost għall-fond numru 34 Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, proprjetà tal-istess konvenuti; u billi l-konvenuti dan l-aħħar krew l-istess fond numru 34 Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, lil ħadd ieħor, u in vista tal-istess sovrappożizzjoni l-attur għandu d-dritt tal-preferenza fil-lokazzjoni tal-istess fond għat-termini tal-art. 1683 tal-Kodiċi Ċivili; u billi, meta l-konvenuti ġew interpellati mill-attur per mezz ta' ittra uffiċjali preżentata fis-7 ta' Ottubru 1959, għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-istess dritt ta' preferenza, biex jinnotifikawh bil-kondizzjonijiet offerti lilhom minn ħadd ieħor jew ġa miftehma ma' ħadd ieħor għal-lokazzjoni tal-istess fond, l-istess konvenuti ċaħdu li huma effettwaw l-istess lokazzjoni, kif jidher mill-unita ittra dok."A"; u billi fil-fatt il-konvenuti, kif jiġi pruvat, krew l-istess fond numru 34 Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, lill-ħadd ieħor, u qegħdin jiċħdu l-eżistenza tal-istess lokazzjoni sabiex jeludu d-drittijiet tal-attur li jeżerċita d-dritt ta' preferenza lilu kompetenti kif fuq ingħad; talab li jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti illi l-konvenuti krew il-fond fuq imsemmi numru 34 Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, lill-ħadd ieħor taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u dan sabiex l-attur ikun jista', skond il-liġi, jeżerċita d-dritt ta' preferenza lilu kompetenti in vista tas-sovrappożizzjoni fuq imsemmija għar-rigward tal-lokazzjoni tal-istess fond; salvi drittijiet l-oħra kollha spettanti lill-attur. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Ottubru 1959;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jesperixxi l-azzjoni odierna in forza tal-preferenza lilu akkordata mill-art. 1683 tal-Kodiċi Ċivili; u dan għar-raġuni illi l-konvenuti dan l-aħħar krew il-fond sottopost għal dak li jinsab mikri għand l-attur;

Illi, skond l-art. 1683 fuq ċitat, il-presuppost ta' dan id-dritt hija l-"lokazzjoni" li tkun sejra ssir jew li tkun saret ma' ħadd ieħor; u għalhekk l-attur qabel xejn hu tenut jipprova l-imsemmija lokazzjoni;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din il-prova ma saretx; anzi jirriżulta illi mill-bidu tat-trattattivi l-fond kien sejjer jingħata lil Lorenzo Psaila b'titolu ta' ċens. u kien ġie mqabbad in-Nutar Philip Saliba biex jagħmel dak li jkun hemm bżonn; u l-kuntratt ma sarx sal-lum peress li għadha ma ħarġetx favur l-imsemmi Psaila l-liċenza meħtieġa biex juża l-fond għax-xogħol ta' mastrudaxxa;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż.